# HAMRUN TABLE FOOTBALL CLUB

## Regoli Amministrattivi Stagun 2006 - 2007

### Introduzzjoni

Il-Hamrun Table Football Club (HTFC) ser jorganizza l-kampjonati u l-kompetizzjonijiet l-ohra minn stagun ghall-iehor fuq dawn ir-regoli. Il-membri kollha huma fid-dmir li jimxu fuq l-Istatut u josservaw dawn ir-regoli.

Ir-regoli amministrattivi jistghu jigu emendati kull meta l-kumitat ezekuttiv ihoss il-htiega u skond l-ahjar interessi tal-HTFC u f' konformita' ma' l-Istatut. Kull klawsola gdida jew emenda, sakemm il-kumitat ma jiddecidix mod iehor, tibda tapplika mill-gurnata li fiha tkun saret, jigifieri waqt il-laqgha tal-kumitat.

### 1. “Fixtures”

1.1. Kull loghba trid tintlaghab skond kif indikat fuq il-“fixtures” li jintbaghtu lil kull membru, fil-gurnata, fil-hin u fuq il-mejda tal-loghob indikati.

1.2. Ma jinghata l-ebda hin “grace” u ghalhekk min ma jigix fid-data u l-hin stipulat, din titqies bhala “walk-over” u l-verdett tal-loghba jigi deciz skond Regola 5, anke jekk l-avversarju jkun irid jilghab il-loghba. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-loghob kollu ser jibda mal-hin indikat fuq l-arlogg tal-klabb jew l-arlogg tal-persuna li dak in-nhar tkun inkarigata mit-tmexxija tal-loghob.

1.3. Membru li jixtieq li jkollu l-loghbiet tieghu ppustjati f' certi granet jew hinijiet ghandu jaghti lista dettaljata lill-“fixture organiser” mill-anqas gimghatejn bil-quddiem. Min ma jaghti l-ebda lista jitqies li ser jaccetta l-loghob fi kwalunkwe gurnata jew hin.

1.4. Membru jista' jkollu aktar minn loghba wahda f'gurnata tal-loghob partikolari.

1.5. Kull membru hu fid-dmir li jattendi ghal-loghbiet li fihom skond il-“fixtures” hu jkun irid jippertecipa jew bhala plejer jew inkella bhala “referee”.

1.6. Ir-rizultati ta' membru li jirtira jew jigi sospiz mill-kampjonat ma jigux ikkunsidrati ghall-finijiet tal-klassifika finali. Pero', jekk il-membru ikun lahaq spicca l-ewwel “round”, ir-rizultati tal-ewwel “round” jibqghu jghoddu u jigu inkluzi fil-klassifika finali.

## 2. Kampjonat

2.1. Kamjonat jintrebah minn dak il-membru li jtella' l-aktar ammont ta' punti.

2.2. Jinghataw tlett (3) punti ghal rebha, punt wiehed (1) ghal "draw" u l-ebda punt (0) ghal telfa.

2.3. "Goal difference" u/jew "goal average" ma jigux ikkunsidrati hlief ghall-gruppi tal-"Hamrun Trophy" ("knock-out") u/jew ghal xi kompetizzjoni ohra fuq bazi ta' gruppi bhalma huma l-"World Cup" jew in-"Nations Cup".

2.4. F' kaz li zewg membri jispiccaw il-kampjonat bl-istess numru ta' punti f' pozizzjoni determinanti tal-klassifika, tintlaghab "decider" bejn dawk koncernati. F'kaz li jkun hemm aktar min zewg membri li jispiccaw il-kampjonat bl-istess numru ta' punti jintlaghab mini-kampjonat fuq "round" wiehed (1). F' kaz ta' plajers bl-istess punti wara l-mini-kampjonat ikun detterminanti il-"goal difference" segwit mil-"goal average".

## 3. Posponimenti

3.1. Kull membru ghandu l-facilita' li jipposponi sa massimu ta' tliet (3) granet matul il-kampjonat. Il-kumitat jista jikkunsidra kazijiet straordinarji.

3.2. Il-procedura normali sabiex isir posponiment hija din:

3.2.1. Il-posponiment irid isir <u>bil-miktub</u> u ghandu jasal ghand il-"fixture organiser" sa tlett (3) ijiem qabel il-gurnata tal-loghob li l-membru jrid jipposponi. L-ittra trid tispecifika liema gurnata ser tigi posposta;

3.3. Madanakollu, posponiment jista' jsir ukoll minghajr ma tintuza l-procedura normali pprovduta f' paragrafu 3.2, u dan billi jsir permezz ta' telefonata, "sms" jew "email" lill-"fixture organiser" jew lil xi persuna ohra li l-kumitat ikun appunta ghal dan l-iskop. Din ir-regola tapplika wkoll f' kaz ta' posponiment fl-ahhar gurnata, liema posponiment irid jasal ghand il-"fixture organiser" sal-10:00 a.m. tal-gurnata tal-loghob.

3.4. Trid tithallas Lm1.00 (lira) ghal kull posponiment li jsir skond il-procedura normali kif spjegat f' paragrafu 3.2. F'kaz li l-posponiment ikun sar permezz tal-procedura indikata f' paragrafu 3.3, il-penalita' tkun ta' Lm0.50 (hamsin centezmu) aktar mill-penalita' applikata fil-procedura normali. Kull hlas irid isir qabel ma l-membru jilghab il-loghba li jkun imissu jilghab wara l-gurnata li tkun giet posposta. Jekk dan ma jsirx, il-loghba li tkun giet posposta tintilef b' "walk-over" awtomatikament (ara Regola 5).

3.5. Kwalunkwe posponiment li jsir skond kif pprovdut minn din ir-regola jitqies bhala wiehed mit-tliet posponimenti permessi skond paragrafu 3.1

3.6. Wara li n-numru ta' posponimenti permessi f' paragrafu 3.1 jigu uzati kollha, tibda tapplika regola 5.

3.7. Ma jigux accettati posponimenti ghal loghbiet konnessi ma' kompetizzjonijiet ohra minbarra l-kampjonat.

## 4. **Irrefjar**

4.1. Li tirrefja huwa mportanti daqs li tilghab. Ghalhekk kull membru huwa fid-dmir li jirrefja kull meta jkun indikat li ghandu jaghmel dan skond il-“fixtures”.

4.2. Min ma jirrefjax loghba li skond il-“fixtures” tkun moghtija lilu (minghajr ma jipposponiha skond regola 3) jehel multa ta’ Lm1.00 (lira) flimkien ma’ zewg (2) punti mnaqqsa mill-klassifika.

4.3. Immedjatament wara li tispicca l-loghba, ir-“referee” ghandu jaghti r-rizultat tal-loghba li jkun ghadu kemm irrefja lil-“fixture organiser” jew lill-ufficjal li dak in-nhar ikun inkarigat mit-tmexxija tal-loghob.

4.4. Jekk waqt il-loghba ir-“referee” jkollu xi diffikulta’ dwar l-interpretazzjoni ta’ xi regola jew dwar xi sitwazzjoni partikolari, dan ghandu minnufih iwaqqaf il-loghob u jitlob l-assistenza tal-“fixture organiser” jew ta’ xi membru prezenti fis-sala tal-loghob. F’ dan il-kaz ir-“referee” ghandu jaghti xi hin mizjud li jkun inhela biex tissolva s-sitwazzjoni msemmija f’ din ir-regola.

4.5. Jekk lejn tmiem il-loghba xi wiehed mill-plejers jaghmel xi infrizzjoni ta’ xi regolament tal-loghba bil-ghan ewlieni li jahli l-hin, ir-“referee” ghandu jalloka l-hin zejjed sabiex tkun tista’ titkompla l-azzjoni skond kif stipulat fir-regolamenti tal-loghba.

## 5. **“Walk-overs”**

5.1. F’ kaz li membru ma jipprezentax ruhu ghal-loghob fid-data u l-hin stipulati fil-“fixtures”, ir-rizultat jigi provizorjament dikjarat null sakemm eventwalment titiehed decizjoni mil-kumitat wara li jkun sema’ r-raguni tal-“player” koncernat. Il-kumitat huwa marbut li jiehu decizjoni skond dawn il-parametri:

5.1.1. Multa sa massimu ta’ Lm2.50 jekk jirrizulta li kien hemm negligenza min-naha tal-“player”;

5.1.2. Ruzultat ta’ “walk-over” li jikkonsisti f’ telfa ta’ 0-3 kontra l-membru li jaghti l-“walk-over”;

5.1.3. Il-loghba terga’ tidahhal fil-programm tal-“fixtures”;

5.1.4. F’ kaz ta’ ripetizzjoni kontinwa ta’ l-istess offiza din tista’ twassal ghal tkeccija minn membru tal-klabb.

## 6. Blalen tal-loghob u kuluri tat-timijiet

6.1. Kull membru li jkollu l-loghob irid igib ballun tal-loghob tajjeb.

6.2. Kull membru ghandu jkollu mill-inqas zewg (2) timijiet b' kuluri kontrastanti.

6.3. Il-kuluri tat-timijiet avversarji ghandhom ikunu jingharfu bic-car. Jekk iz-zewg membri jinzlu ghal-loghba bl-istess kuluri, titla' polza u min jirbahha izomm it-tim. Din ir-regola tapplika f' kull kompetizzjoni. Madankollu, fi spirtu sportiv, iz-zewg membri avversarji ghandhom jiftiehmu minn qabel dwar il-kuluri li jkunu ser juzaw.

## 7. Kompetizzjonijiet fuq bazi ta' "klabbs" / timijiet

7.1. It-tim li jirraprezenta l-klabb jigi maghzul skond id-diskrezzjoni tal-kumitat.

7.2. Kull membru li jigi maghzul biex jirrapprezenta lill-HTFC irid jilghab bil-flokk ufficjali tal-HTFC.

## 8. Trofej titolari u trofej mirbuha mill-HTFC

8.1. It-trofej titolari u t-trofej mirbuha mill-HTFC ghandhom jinzammu ghand xi membru tal-kumitat.

8.2. Il-kumitat ghandu jiehu hsieb li jaghmel l-"engraving" fuq it-tazzi titolari.

## 9. Dixxiplina

9.1. Imgieba anti-sportiva – kull membru ghandu jzomm f' mohhu li waqt kull attivita' li ghandha x' taqsam mal-loghba tas-subbuteo huwa jkun qed jirrifletti l-"image" tal-HTFC. Ghalhekk l-imgieba tal-membri ghandha dejjem tkun sportivament korretta u b' hekk konformi mal-filosofija tal-klabb li nippromwovu l-loghob f' atmosfera ta' kompetizzjoni sportiva u ta' hbiberija.

9.2. Kliem baxx – kull membru ghandu jkun ta' ezempju ghall-membri l-ohra specjalment dawk zghar. Ghalhekk kull membru huwa fid-dmir li ma juzax kliem baxx kemm waqt il-loghob kif ukoll waqt li jkun fil-klabb jew waqt xi attivita' tal-klabb.

9.3. Tipjip – mhux permess li jsir tipjip fil-kamra fejn jintlaghab il-loghob.

9.4. Ikel mal-imwejjed – ghall-ebda raguni mhux permess li membri jersqu mal-imwejjed tal-loghob b' ikel jew b' xorb.

Il-ksur ta' xi wiehed minn dawn ir-regolamenti jista' jwassal ghal passi dixxiplinarji kontra min ikun wettaq l-offiza. Il-passi dixxiplinarji jkunu jikkonsistu fi twissija jew multa jew tnaqqis ta' punti jew sospensjoni jew tkeccija mil-klabb dejjem skond il-gravita' tal-kaz, li jigi mismugh u deciz skond kif stipulat fl-Istatut tal-HTFC.

## 10. Multi u hlasijiet

10.1. Kull multa trid tithallas qabel il-loghba li jkun imissu jilghab dak il-membru li jkun wehel il-multa. Il-kaxxier ghandu jzomm lista ta' dawk il-membri li jkollhom xi multa xi jhallsu. Madankollu, finalment hija r-responsabbilta' tal-membru li jiccekkja mal-kaxxier dwar xi multi jew hlasijiet pendenti.

10.2. Dawn huma l-hlasijiet li jridu jsiru:

10.2.1. Menswalita' Annwali:

10.2.1.1. LM10.00 ghal persuni fuq is-sittax (16) il-sena, u;

10.2.1.2. LM5.00 ghal persuni taht is-sittax (16) il-sena;

10.2.1.3. LM3.00 ghal "non-playing member"

10.2.2. Protesti – LM3.00

10.2.3. Appelli – LM5.00

10.2.4. Posponimenti:

10.2.4.1. Lm1.00 (lira) jekk issir skond regola 3.2

10.2.4.2. Lm1.50 (lira u hamsin centezmu) jekk issir skond regola 3.3

10.3. Dawn huma l-multi li ghandhom jithallsu:

10.3.1. "Walk-Over" – Sa massimu ta Lm2.50 (zewg liri u nofs) (ara Regola 5)

10.3.2. Nuqqas ta' rrefjar – Lm1.00 (lira) (ara Regola 4)